MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2001

Avvi$Z Numru. 295/2001/1

**Avviz numru  295/01 DM**

**Underwater Enterprises Limited**

**Vs**

**Nicholas A. Critien**

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' sitt mija u sitta u sebghin liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm676.18c) rapprezentanti prezz ta' "underwater equipment" mibjughin u "training courses" moghtija lill-konvenut mis-socjeta` attrici fuq ordni tieghu stess.

Bl-ispejjes inkluzi ta' l-ittra ufficjali ta' Frar, 2001 u bl-imghaxijiet legali sad-data ta' l-effettiv pagament. Bil-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara illi din il-Qorti semghet bil-gurament lil Rita Vella, direttrici tal-kumpanija attrici u rat ukoll id-dokumenti, d-dokument minnha esebit, issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u;

Il-Qorti qeghda ghalhekk tilqa` t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas l-ammont mitlub ta' sitt mija u sitta u sebghin liri Maltin u tmintax-il centezmu (Lm676.18c) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz bl-imghaxijiet legali b'effett mis-6 ta' April, 2001, u;

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------